MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Mandat Numru. 17/2007/1

**Stephen Magri, iben George u Mary nee Zammit u ghal kull interess illi jista` jkollha Mary Grace Magri Gatt bint Michael Gatt u Mary nee Caruana**

**vs**

**Magri u Zammit Holdings Limited, Magri and Zammit Operations Limited, Magri and Zammit Retail Limited, Emanuel sive Noel Magri, Anthony u Celine mizzewgin Magri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat in-nota a fol. 34 tal-process.

Rat il-verbal tas-6 ta` Frar, 2007.

Ikkunsidrat illi:

Ir-rikorrent qed jitlob il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni biex izomm lill-intimati milli jbieghu propjeta` tas-socjetajiet kummercjali li taghhom l-intimati huma diretturi u azzjonisti u dan sabiex jikkawtela dritt li jippretendi li ghandu ghas-somma ta` Lm71,718 rapprezentanti ammonti dovuti lilu mill-istess socjetajiet li taghhom huwa wkoll direttur u azzjonist.

Illi biex jinhareg mandat ta` inibizzjoni il-ligi permezz tal-Art. 873 timponi zewg rekwiziti.

L-ewwel rekwizit huwa dak tal-pregudizzju.

Art. 873(1) – L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qed jittantaw izommu lill-intimati milli jbieghu propjetajiet tas-socjetajiet in kwistjoni. Fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent ma semma xejn minn dan pero` jidher car li l-assi tas-socjetajiet huma primarjament il-propjetajiet immobbli. Bejgh ta` dawn il-propjetajiet jista` jirreka dannu lil min ghandu xi pretensjoni kontra l-istess socjetajiet. Fir-rikors guramentat tieghu Stephen Magri qal li *“l-intimati qed jaghmlu minn kollox biex jiddisponu mill-beni tas-socjetajiet intimati biex dak li ma jiehdux bi proceduri gudizzjarji jehduh b`idejhom permezz ta` vot maggoritarju”.*

Fl-ambitu tad-dizgwid serju li jezisti bejn il-partijiet fi hdan dawn is-socjetajiet, ir-rekwizit ta` pregudizzju li trid il-ligi huwa sodisfatt.

Il-ligi mbaghad tghaddi biex tesigi li r-rikorrent juri mqar *prima facie* li ghandu dawn id-drittijiet li qed jippretendi fil-konfront tal-intimati.

Ir-rikorrent qed jippretendi s-somma ta` Lm65,000 dovuti lilu rapprezentanti r-rifuzjoni ta` *shareholders loan* li saret. L-intimati f`dan il-kuntest jidhru li jaqblu li dawn il-flus huma dovuti lilu. Ghar-rigward tar-rimanenti ammont, ir-rikorrent xehed illi ghad ghandu jithallas xahar paga u r-rifuzjoni ta` ammonti ta` flus mhallsa minnu bhala taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali li, skond ftehim bejn il-partijiet, kellhom jithallsu mis-socjetajiet intimati.

Il-Qorti ghalhekk tinsab sodisfatta li *prima facie* jezisti dritt tar-rikorrent ghall-ammont reklamat fil-konfront tas-socjetajiet intimati.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddisponi definitivament mir-rikors billi tilqa` t-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni fil-konfront tar-rikorrent limitament ghall-ewwel zewg propjetajiet imsemmija fir-rikors cioe` propjetajiet (a) u (b).

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------